MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1244/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Omissis 1**
**Imputata**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni Nru: 1244/2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

Omissis 1;

Imputata

Omissis 2.

Akkuzati lil **Omissis 1** wahedha talli nhar il-11 ta’ Mejju 2011 ghal habta tat-20.30hrs, fil-Belt Valletta,

1. dolozament bil-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja tal-Parte Civile, f’periklu car, wriet dan il-hsieb b’atti esterni u taghat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha u dan bi ksur tal-artikolu 41(1)(a) u 211(2) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbet ghall-istess Parte civile bi strument li jaqta’ jew iniggez u kkagunatilha offizi gravi kif iccertifikat minn Dr. Mark Anthony Attard Bianchardi MD mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikoli 217 u 218 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-waqt li kienet qed taghmel delitt kontra l-persuna kellha fuqha arma regolari, jew imitazzjoni ta’ arma regolari u dan bi ksur tal-artikolu 55(a) ta’ Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Nakkuza lil **Imputata u Omissis 2** talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi,

4. bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta’ offiza gravi skond l-artikolu 218 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wrew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà taghhom u dan bi ksur tal-artikoli 41(1)(a) u 218 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. hebbew ghall-istess Parte civile u kkagunawlha offizi gravi kif iccertifikat minn Dr. Mark Anthony Attard Bianchardi MD mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikoli 216 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Nakkuza lil **Imputata** wahedha talli fl-istess data, ghal habta tat-2030hrs gewwa l-Belt Valletta;

6. xjentement issoprimiet jew b'xi mod ieħor qerdet jew bidlet it-traċċi jew l-indizji ta' reat u dan bi ksur tal-artikolu 111(2) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Nakkuza lil **Omissis 1, Imputata u Omissis 2** talli nhar il-11 ta' Mejju 2011 ghal habta tat-2030hrs, fil-Belt Valletta,

7. kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew kontra Parte civile biex jingurjawha jew idejquha u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjaw jew heddu jew jekk ipprovokati, ingurjaw lil Parte civile b'mod li hargu barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lil Parte civile u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F’ kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Parte civile u l-familja taghha ai termini ta’ l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:
a) 17, 31, 37, 382A, 533;
b) 41(1)(a), 218;
c) 216;
d) 338(dd);
e) 339(1)(d);
f) 339(1)(e); u
g) 111(2).

Rat li l-imputata ma’ kelliex oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-partijiet.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatghtha zmien tikunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. L-ewwel fattur bla dubbju huwa in-natura serja tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata. Min-naha l-ohra l-Qorti bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta’l-imputata mal-pulizija fil-kors ta’l-

investigazzjoni dwar dan il-kaz, il-fedina penali ta'l-imputata li hija kwazi netta u l-eta ta'l-imputata.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-ufficjal prosekutur qabel mas-sottomissjoni tad-difiza li l-imputata tista' titpogga taht ordni ta' probation minflok tinghata piena karcerarja u dan minhabba l-fatt li l-imputata ghamlet kambjamenti kbar ghall-ahjar fil-hajja taghha u jkun ta' beneficcju mhux biss ghaliha imma ghas-socjeta in generali li hija tkompli tibbenefika mill-ghajnuna ta'ufficjal ta' probation b'mod li tkompli tassoda ruhha fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 37, 41(1)(a), 111(2), 216, 218, 338(dd), 339(1)(e)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghtoi kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 l-imputata qed tigi ikkundannata thsallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' tmien mija u sebgha Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€807.22) rapprezantanti spejjez rinkorsi fil-hatra ta'l-esperti; il-multa ghandha tithallas f'pagamenti mensieli ta' tlettin Euro (€30.00), l-ewwel pagament ghandu jsir fit-13 ta' Jannar 2014.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti qed tordna ukoll in-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------